"Maħbub", għidtlu mħawda, "huwa ħażin li xebba tħobb daqskemm inħobbok?"

Ħfintlu l-pala ta' idejh. Għafasthielu u qegħedtha fuq ġbini. Qalbi weġġħetni b'ħena li bilkemm felħet. Għidtlu li nħobbu, li aħjar immut mingħajru, li l-mewt teħlisni mill-barr ta' ħajja mċaħħda minnu.

"Imma tgħid huwa ħażin", staqsejtu għal darb'oħra, "li nħobbok daqskemm inħobbok? — Il-misteru ta' l-imħabba huwa akbar mill-misteru tal-mewt".

Waqgħet sikta f'kamarti. Għassist ħosbiena roqgħa ta' xemx titkaxkar qisha dudu sfajjar fuq il-ħajt bajdani. Ir-riħa tal-ward nefħet u żdiedet. Kemm inħobbhom il-ward! Huma l-ħajja għalija, u l-maħbub tiegħi l-ħajja nfisha.

"Le", għidtlu, "mhuwiex ħażin, ma jistax ikun ħażin, li nħobbok daqskemm inħobbok".

Għasfur beda jgħanni fil-ġnien. It-tpespis tiegħu jdamdam ġo widnejja deherli mnikket. Bħal sħaba sewda qagħdet fuq sidri. Tifkira mbiegħda, ħolma, ħmar il-lejl, ikrah daqs farfett il-lejl, iddeffes ġo ħsiebi. Stħajt minni nnifsi, għafast għajnejja b'għadam sebgħi l-kbir. Dort fuqu.

"Dell f'moħħi, maħbub tiegħi", għidtlu "ħolma bla seħħ, ħmar il-lejl ikrah daqs farfett il-lejl li jġagħalni nhewden li qtiltek. Li qtiltek għax inħobbok. Għax aħjar narak mejjet u żgura minn imħabbtek. Li qtiltek fl-għabex ta' bejn il-jum u l-lejl, f'kamarti ta' barra".

F'telfa, dort fuqu u fehemt lili nnifsi li l-maħbub tiegħi ħaj ħdejja, jidħakli, is-siġġu jiżżegleg bla hedu b'toqlu.

Infexxejt nidħak għax kien jinsab ħdejja, imissli bil-ħlewwa ġbini musfar.

"Ħaj inti" għannejtlu f'dagħdigħa ta' mħabba, "ħaj, u ħdejja, mhux mejjet bħal f'tifkirieti, maqtul minni għax inħobbok".

Fewġa nefħet ħelu ħelu, u l-ward jittawlu mit-tieqa jiżfnu fuq zkukhom, jidħku mad-daħk tiegħi. Iżda mill-kuritur ta' barra, f'mewġiet joqorbu u jitbiegħdu, instemgħu passi meqjusa. Ħanini telaqni. Ħarab minn ħdejja, qabeż mit-tieqa, staħba qalb il-fjuri.

Daħlet soru u daħkitli. Ħassejtni mnikkta, imnikkta, imnikkta. Soddti tbiddlet f'ġebel niggieżi.

"Kemm sejra ndum hawn, soru?"

"Sakemm tfiq. M'għandekx iddum ħafna issa. Il-kura għamlitlek tajjeb".



"Le, le, soru. Issa rrid inqum, issa. Irrid ningħaqad mal-maħbub tiegħi qalb il-fjurij itbahardu fit-tieqa. Għinni biex inqum, soru".

"X'sejra tagħmel, binti? Iċ-ċaqliq jagħmillek ħażin".

Għaġġlet ħdejja biex iżżommni. Saħħa barranija ġriet f'idi. Użajtha u qomt. Dort biex infittex qalb il-fjuri, rasi tqila blat. It-tieqa ta' warajja kienet magħluqa, imbarrata. Xi ħaġa faqqgħet f'moħħi.

Ir-realtà tal-ħajja sabbtitni u sawtitni. Infexxejt nibki, nibki, balal u ġebel f'gerżumti. Inxħett fi ħdan is-soru. "Ma rridx ir-realtà tal-ħajja", xhert nifsi maqtugħ, "ma rridhiex. Il-ħajja iebsa wisq u kiefra. Aħjar immut, aħjar nibqa' miġnuna. Fil-ħajja jerġa' jibdilni. Ma rridx ir-realtà tal-ħajja".

---

## ULIED IR-RABA' T'GĦAWDEX

(Fl-Okkażjoni tal-Ftuħ Uffiċjali taċ-Ċentru Tagħhom)

*Ta'* MONS. ANTON GAUCI

*Labor vincit omnia*

Din hi l-ħajja tagħkom, bdiewa t'Għawdex;
Dan huwa ġidkom, twajba ħbieb raħħala:
Dal-ġebel tagħkom u dil-makna kbira
Li f'art twelidna qatt ma rajna bħalha.

Meta bil-qilla tagħha x-xemx tkun tisreġ
Fuqkom u fuq il-bhejjem ġwejda tagħkom,
Agħmlu kuraġġ: 'l hawn ħarsu u ftakru dejjem
Li din id-dar għad tilqa' frott dirgħajkom.

Kunu f'ħidmitkom bieżla u jgħinkom Alla,
Jibgħat l-ilmiet mis-Sema u l-art isebbaħ
Bi ħdura u frott li qalbkom b'kull ferħ jimla
Meta tiftakru f'xogħ'lkom li jkun rebaħ.

Issa m'għadkomx minsija: hawn min jaħseb
Fikom u fl-għaraq nieżel donnu dmija
Magħsur minn wiċċkom b'id li ma tafx ħniena —
Id il-faqar u l-bżonn, id it-tbatija.

'L hawn dejjem iġru: din id-dwejra tagħkom.
Jekk hija tikber, intom tikbru magħha.
Hi trid terfagħkom, tieħu dejjem ħsiebkom,
Għax il-ġid tagħkom l-ewwel xewqa tagħha.